**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Emma Burg

*versus*

L-Avukat Dr. John Mizzi *et noe*

**Separazzjoni Personali - Xoljiment u Likwidazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti - Manteniment - Artikoli 35, 48, 55 tal-Kodiċi Ċivili - Ħlas ta' Somma Globali Minflok Manteniment**

*Il-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li minħabba d-diffikultà ta' l-attriċi li tiġbor il-manteniment mingħand il-konvenut assenti ordnat illi sehemu minn proprjetà*

*jiġi assenjat lilha in sodisfazzjoni ta' dritt ta' manteniment għaliha u għal uliedha u sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan li tassumi d-debiti li jistgħu jaggravaw il-proprjetà.*

Il-Qorti:-

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-16 ta' Settembru, 1996, ippronunzjat is-segwenti sentenza li biha ppronzunjat is-segwenti separazzjoni personali bejn il-kontendenti u ddeterminat il-modalitajiet li kellhom jirregolaw ir-relazzjoni bejniethom ukoll fir-rigward tax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata minn Emma Burg fl-1 ta' Diċembru, 1994, li biha, wara li ppremettiet:

Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minħabba sevizzi, eċċessi, inġurji gravi u abbandun tad-dar konjugali da parti tal-konvenut;

Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata illi tippreżenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Novembru, 1994, (dok. A);

Premess dan l-attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut u, għall-finijiet ta' l-artikolu 48 (c) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)

tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat li minnha kien ħati tal-firda;

Tawtorizza lill-attriċi illi tgħix separata mill-konvenut żewġha;

Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Melanie Roberta Burg u Kirsten Marie Burg, tiġi fdata lill-attriċi salv l-aċċess tal-konvenut fil-ġranet u l-ħinijiet stabbiliti mill-Qorti;

Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi martu, għaliha u għall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tiġi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bżonnijiet ta' l-attriċi, pagabbli mill-konvenut lill-istess attriċi martu fil-ġimgħa jew fix-xahar kif ordnat *minn din il-Qorti, jew jekk hekk jidher* xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex l-attriċi tkun *finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-*konvenut;

*Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-*disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

Tiddikjara xolta *l-komunjoni* ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, *inter alia*, tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat li minnha kien ħati tal-firda, *liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda* lill-attriċi u l-oħra lill-istess konvenut billi, okkorrendo għall-

finijiet ta' din it-talba, jiġi nnominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' diviżjoni, nutar sabiex jiċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attriċi l-beni kollha dotali u parafernali tagħha u separatament *tordna illi l-attriċi tiġi mogħtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tagħha;*

Tordna *illi d-dar taż-żwieġ* tiġi okkupata esklussivament mill-attriċi;

Tawtorizza lill-attriċi illi tirreġistra ossia tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn dina l-Qorti;

Bl-*ispejjeż, kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri quddiem* is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' *l-eċċezzjonijiet ta'* l-Avukat Dottor John Mizzi u l-Prokuratur Legali Rowena Grima bħala kuraturi deputati nnominati b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Settembru, 1994, sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Robert Burg, minnhom ippreżentata fid-19 ta' Mejju, 1995, illi biha *huma eċċepew:*

"Illi *preżentement huma mhux f'posizzjoni li jikkontestaw* it-talbiet attriċi, peress illi mhux edotti mill-fatti, filwaqt illi jirriservaw li jippreżentaw *eċċezzjonijiet* fi stadju ulterjuri meta jkunu hekk edotti mill-fatti;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri";

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

*Ikkunsidrat:*

L-attriċi u żewġha Robert Burg iżżewġu f'Malta fit-22 ta' Settembru, 1982. *Mill-provi prodotti mill-attriċi*, liema provi ma ġew b'ebda mod kontradetti jew ikkontestati mill-konvenut, din il-Qorti hi sodisfatta li l-konvenut, minħabba l-irregolatezza ta' ħajtu, il-konfużjoni fil-ħsibijiet tiegħu dwar x'irid mill-ħajja u d-dipendenza fuq, u *rabta eċċessiva li kellu ma' ommu*, abbanduna lil martu u lil uliedu minuri Kirsten Marie (li llum għandha ħdax-il sena) u Melanie Roberta (li llum għandha tlettax-il sena). Hu telaq l-ewwel darba minn Malta lejn l-Olanda fl-1 ta' Diċembru, 1990, u ħalla lil martu l-attriċi bil-piż mhux biss ta' żewġt itfal, iżda bid-djun li kienu akkumulaw prinċipalment minħabba l-kapriċċi tiegħu. Għalkemm hu bagħat xi darbtejn iċ-*children's allowance* ta' l-Olanda li kien jirċevi, hu ma baqa' jikkontribwixxi xejn għall-familja. Huwa wera biċċar li ma kien jinteressah xejn aktar mill-familja ċjoè minn martu u uliedu. Wara dik id-data, però, hu ġie diversi drabi oħra Malta - ġej u sejjer - sa ma fl-aħħar telaq definittivament fl-10 ta' Ġunju, 1992. Din il-Qorti hi sodisfatta li dan l-abbandun ta' l-attriċi u ta' uliedha mill-konvenut seħħ mingħajr raġuni tajba skond il-liġi. Il-Qorti inoltre, hi sodisfatta li matul il-ħajja miżżewġa, anke meta kien qed jikkoabita ma' martu kemm fl-Olanda u in segwitu hawn Malta, hu sar ħati versu martu u uliedu ta' eċċessi - minħabba l-mod kif kien jittrattahom u d-dependenza fuq u rabta eċċessiva ma' ommu, ġà msemmija - kif ukoll ta' nġurji gravi versu martu minħabba kunfidenzi żejda li hu kellu ma xi nisa u tfajliet oħra;

Dwar *il-proprjetà tal-partijiet*, għalkemm l-attriċi esebiet

lista li tindika l-proprjetà parafernali, assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti u djun, din il-Qorti m'għandhiex informazzjoni biżżejjed - bħal, per eżempju, valur ta' l-oġġetti u data ta' l-akkwist - b'mod li tista' tagħmel diviżjoni b'ġustizzja. Għalhekk il-Qorti *ser tapplika d-disposizzjoni tas-subartikolu* (2) ta' l-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili;

Kwantu għar-raba' talba, din il-Qorti ser tikkalkola r-retta alimentarja a bażi tal-paga minima nazzjonali f'Malta llum (li hi *ta' Lm42.38 fil-ġimgħa), u dan peress li ma ġie b'ebda mod* ippruvat x'inhuma l-mezzi attwali tal-konvenut. L-attriċi tirċievi l-għajnuna soċjali fis-somma ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) fil-ġimgħa għaliha u għal uliedha (ara d-deposizzjoni ta' Saviour Mallia, fol. 83);

Għall-motivi premessi din il-Qorti taqta' u tiddeċidi billi: (a) tilqa' l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn l-attriċi u żewġha Robert Burg fit-termini ta' l-artikolu 35 (a) tal-Kodiċi Ċivili u dan peress li l-konvenut abbanduna lill-attriċi *mingħajr raġuni* valida għal aktar minn sentejn kif ukoll minħabba eċċessi u offiżi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attriċi u eċċessi fil-konfront *ta' l-ulied komuni tagħhom, u tistabbilixxi l-1 ta' Diċembru,* 1990, bħala d-data meta l-imsemmi konvenut għandu jkun ikkunsidrat li minnha sar ħati tal-firda; (b) tilqa' t-tieni talba attriċi u konsegwentement tawtorizza lill-attriċi tgħix separata mill-konvenut żewġha; (c) tilqa t-tielet talba attriċi limitatament biss fis-sens li takkorda *l-kura u l-kustodja tal-minuri Melanie* Roberta Burg u Kirsten Marie Burg lill-attriċi, iżda tastjeni milli tipprovdi dwar aċċess tal-konvenut; (d) tilqa' r-raba' talba attriċi u konsegwentement tikkundanna *lill-konvenut iħallas lill-*attriċi bħala manteniment għaliha u għal uliedha s-somma ta' *mija u għaxar liri* (Lm110) fix-xahar, pagabbli bil-quddiem fil-post fejn tkun tirrisjedi l-attriċi, b'dan li ħamsin lira jkunu manteniment għall-attriċi u r-rimanenti sittin lira manteniment

għaż-żewġ minuri; (e) tilqa' l-ħames talba attriċi u konsegwentement tiddikjara li l-konvenut tilef il-jeddijiet u dak kollu *msemmi fil-paragrafi* (a), (b), (c) *u* (d) *tas-subartikolu* (1) ta' l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili; (f) tilqa' s-sitt talba attriċi limitatament kif ġej u ċjoè billi tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti *bejn il-kontendenti tispiċċa mill-jum li fih din* is-sentenza tkun finali u konklussiva u tordna a tenur ta' l-artikolu 55 (2) tal-Kap. 16 li l-beni formanti parti mill-imsemmija komunjoni ma jinqasmux *qabel ħmistax-il sena mid*-data li fiha din is-sentenza ssir finali u konklussiva u tiċħad il-bqija tas-sitt talba attriċi; (g) tilqa' s-seba' talba attriċi u konsegwentement tikkundanna *lill-konvenut jikkonsenja* lill-attriċi l-beni kollha dotali u parafernali tagħha u tordna ukoll li l-attriċi tiġi mogħtija l-amministrazzjoni sħiħa tal-beni parafernali tagħha; (h) *tilqa' t-tmien* talba attriċi u konsegwentement tordna a tenur ta' l-artikolu 55A (1) tal-Kap. 16, li d-dar konjugali (Flat 8, flimkien mal-garaxx fi blokk ta' bini bl-isem "La Salita", 101 Triq il-Għasel, Mellieħa) tiġi okkupata mill-attriċi ad esklużjoni ta' żewġha l-konvenut; (I) tilqa' d-disa' talba attriċi u konsegwentement tawtorizza lill-attriċi illi tirreġistra ossia tniżżel fir-Reġistru Pubbliku dina s-sentenza;

L-ispejjeż kollha ta' din il-kawża, inklużi dawk ta' quddiem is-Sekond'Awla għandhom ikunu a karigu tal-konvenut";

*Il-konvenut, kif* rappreżentat mill-kuraturi deputati ssokkomba għal din is-sentenza u ma appellax minnha. Invece appellat minnha l-attriċi b'dan l-aggravju li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u d-dritt tagħha għall-ħlas ta' manteniment dovut għaliha u għal uliedhom minuri skond l-istess sentenza;

"Illi jirriżulta ben ċar illi d-dar konjugali ċjoè illi

tikkostitwixxi l-uniku ġid ta' valur fil-komunjoni ta' l-akkwisti u għalkemm akkwistata matul iż-żwieġ tal-kontendenti d-dar *konjugali ġiet hekk akkwistata esklussivament minn* finanzjament parafernali ta' l-attriċi kompriż b'dejn tal-familjari ta' l-attriċi;

Illi għalhekk l-attriċi tirritjeni illi l-istess dar tista' tiġi assenjata lilha billi tiġi lilha assenjata soġġett għall-obbligu tagħha, li jkun ukoll jifforma parti mis-sehem tagħha, illi tħallas *id-djun kollha gravanti l-istess dar kompriż id-dejn parafernali* tagħha stess;

Għalkemm *l-attriċi tikkalkula illi jeżisti ġid biżżejjed* biex dan iseħħ, f'każ illi jirriżulta li din l-Onorabbli Qorti illi dan mhux il-każ, qiegħda tindika l-artikolu 54 ġà nvokat fir-raba' talba tagħha u tissottometti illi hija preparata taċċetta li l-manteniment pagabbli lilha jitnaqqas u minflok somma kapitali tkun pagabbli lilha a tenur ta' l-istess artikolu, u tali somma tiġi mbagħad applikata fil-komputazzjoni matematika meħtieġa sabiex id-dar konjugali tiġi assenjata lilha;

L-attriċi tirritjeni illi dan il-mod huwa l-uniku mezz illi hija tista' qatt tipperċepixxi manteniment mingħand żewġha billi dan huwa ċittadin Olandiż, domiċiljat l-Olanda u sal-lum ma wera ebda propensità illi jħallas manteniment lil martu u lil uliedha minuri";

Il-Qorti, qabel xejn, tinnota d-dikjarazzjoni li l-appellanti għamlet quddiemha kif irreġistrat fil-verbal tas-6 ta' Lulju, 1998, li hi kienet disposta li taċċetta l-assenjazzjoni tad-dar konjugali għas-saldu tad-drittijiet tagħha għall-manteniment. Dikjarazzjoni li tirrifletti l-motivazzjoni ta' l-aggravju tagħha kif fuq riprodott. Il-Qorti qieset din id-dikjarazzjoni fid-dawl *tar-riżultanzi proċesswali u ssib illi l-aggravju ta' l-appellanti*

hu wieħed għal *kollox ġustifikat u jimmerita li jiġi milqugħ* wara li din il-Qorti kkunsidrat ukoll x'kien l-interess tal-minuri fir-rigward tal-ħlas ta' manteniment li l-appellat missierhom ġie kkundannat li jħallas lill-appellanti ommhom għal ħtiġijiet tagħhom. Dan għaliex il-Qorti qieset li filwaqt li l-appellanti kienet għal kollox libera milli tipproponi u taċċetta fl-interess tagħha stess kull assenjament li jidhrilha opportun fir-rigward ta' *dak li kien* lilha personalment dovut f'manteniment, kull proponiment simili fir-rigward tal-jeddijiet tal-minuri uliedha kellu jiġi ndagat u awtorizzat mill-Qorti li trid taċċerta ruħha li jkun fl-aħjar interess tagħhom. Indaġini li din il-Qorti kellha *ukoll tagħmel fid-dawl tal-kontestazzjoni anke jekk formali tal*-kuraturi deputati li qed jirrappreżentaw lill-konvenut appellat assenti minn dawn il-Gżejjer;

Din il-Qorti tqis l-artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili li jittratta dwar l-obbligu ta' manteniment bejn il-konjuġi f'kawża ta' firda u li jipprovdi *inter alia* li meta tiġi deċiża finalment il-firda l-*Qorti* "*tista', jekk hekk jidhrilha li xieraq fiċ-ċirkostanzi, tordna* lill-parti responsabbli għall-manteniment li tħallas lill-parti l-oħra minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex il-parti li jkollha tirċevi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-oħra skond il-każ" (subinċiż 3). Din is-somma globali l-Qorti tista' tordna li titħallas f'salt jew f'għadd ta' *skadenzi indaqs jew mhux indaqs mifrux fuq* perijodu ta' żmien xieraq (subinċiż 5). Inoltre, u dan hu rilevanti għal każ taħt eżami, il-Qorti tista' tordna li minflok dik is-somma globali indikata fis-subinċiż 3, "kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt jew għall-użu jew abitazzjoni" (subinċiż 6);

L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, dehrilha li kellha tapplika s-subinċiż 2 ta' dan l-artikolu u konsegwentement

ordnat illi l-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti li kienet qed tiġi b'dik is-sentenza xolta, ma jinqasmux qabel ħmistax (15)-il sena mid-data li fiha dik is-sentenza tkun għaddiet in ġudikat. Dik il-Qorti waslet għal din id-deċiżjoni għaliex deħrilha li ma kellhiex informazzjoni biżżejjed dwar il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tippermettilha tagħmel deċiżjoni b'ġustizzja. Fil-fehma ta' din il-Qorti però, hemm diversi elementi li jiġġustifikaw tibdil f'dik id-deċiżjoni billi l-fatti tal-każ kienu tali li r-relazzjonijiet familjari u patrimonjali bejn il-konjuġi *in lite* setgħu u kellhom jiġu definittivament u finalment *determinati f'din il-kawża u mhux jitħallew fi stat ta'* komunjoni u likwidità għat-tul ta' żmien stabbilit fis-sentenza appellata. Fost dawn l-elementi jiġu elenkati s-segwenti:

Il-ħtija ndiskussa tal-konvenut għat-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ għal raġunijiet gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw il-komminazzjonijiet ġustament applikati kontra tiegħu fis-sentenza appellata;

Il-fatt li l-konvenut mhux biss manifestament abbanduna d-dar *konjugali u lil martu u lil uliedu imma wkoll telaq* definittivament minn Malta;

Il-fatt *li l-konvenut għal snin naqas manifestament* li jipprovdi għall-manteniment ta' martu u uliedu minuri anke wara li kien hekk ordnat li jagħmel minn dawn il-Qrati u anke wara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. L-istess konvenut appellat lanqas ħass il-ħtieġa jew l-obbligu li jipprovdi għall-manteniment dovut lill-istess martu għal ulied minuri l-ammont ta' *children's allowance* li jirriżulta li hu kien intitolat li jirċevi u kien *qiegħed fil-fatt* jirċevi *fil-pajjiż* fejn qed joqgħod;

Il-fatt illi mill-atti proċesswali jirriżulta ppruvat illi l-

attriċi ma għandha prattikament l-ebda probabilità illi *tirreklama l-manteniment lilha dovut bis-sentenza appellata* - liema parti tas-sentenza issa għaddiet in ġudikat - mingħand il-konvenut żewġha jekk mhux tramite sehemhu mill-fondi mmobiljari *fil-komunjoni ta' l-akkwisti* issa xolta għajr il-fatt ukoll pruvat mill-att u li ma ġie bl-ebda mod ikkontestat mill-konvenut illi l-proprjetà mmobiljari fil-komunjoni ta' l-akkwisti ġiet akkwistata b'kapital parafernali jew b'self lill-attriċi mill-qraba tagħha. Di più l-istess attriċi ddikjarat li kienet disposta tassumi responsabbilità sħiħa għal kull dejn li kien għadu gravanti fuq din il-proprjetà mmobbiljari *quante volte* din tiġi lilha assenjata;

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt din il-Qorti tasal għall-konvinċiment li għall-każ taħt eżami ma kellux ikun applikabbli s-subinċiż 2 ta' l-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili imma s-subinċiżi 3 u 6 ta' l-artikolu 54 ta' l-istess Kodiċi. Minn dan l-aspett purament matematiku jidher *li jekk* wieħed jikkalkola li l-Ewwel Qorti stabbilit retta alimentarju ta' Lm110 fix-xahar għall-appellanti u uliedha minuri u qieset li tali *manteniment kellu jibqa' garantit mis-sehem tar-raġel mill-*komunjoni ta' l-akkwisti fuq medda ta' żmien ta' ħmistax (15)-il sena, ikun raġonevoli li wieħed jassumi li l-Ewwel Qorti kienet qed tqis ammont ta' *proprjetà dovut u esiġibbli* f'dan iż-żmien fis-somma ta' ċirka Lm20,000 (Lm110x12x15). Dan id-"debitu" tal-konvenut għall-manteniment dovut lil martu u uliedu *qed jiġi suġġerit* li jiġi "paċut" bis-sehem tal-konvenut mill-proprjetà mmobbiljari fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Proprjetà li nxtrat kollha tul iż-żwieġ bil-prezz komplessiv - il-*flat u l-garaxx* - ta' Lm13,000, dejjem skond dak iddikjarat fil-kuntratt ta' l-akkwist in atti Nutar Dottor Frances Micallef tat-30 ta' Mejju, 1989. Anke kieku wieħed kellu, għall-argument, jiskarta dak li ġie ppruvat sodisfaċentement f'din il-kawża li fuq din il-proprjetà hemm rilevanzi li sostanzjalment *ikopru* tista' tgħid it-totalità tal-prezz ta' l-akkwist u li kellhom jiġu restitwiti

*lil terzi li silfu* l-flus biex tiġi akkwistata l-proprjetà, għandu jkun ċar li nofs il-valur ta' l-immobbli bl-ebda mod ma jista' jagħmel tajjeb għall-manteniment li kien u għad ikun dovut mill-konvenut lill-attriċi skond kif determinat fis-sentenza appellata;

Hu ukoll doveruż li l-Qorti tikkunsidra, fil-kuntest taddmir tal-konvenut li jħallas manteniment lill-uliedu minuri, li dawn huma llum ta' l-età ta' tnax (12)-il sena (Kirsten li *twieldet fl-14 ta' Lulju, 1986)* u *erbatax (14)-il sena (Melanie* Roberta li twieldet fis-6 ta' Jannar, 1984). Dan ifisser illi manteniment għal minuri hu dovut għal massimu għal bejn erbgħa u sitt snin oħra u dan hu fattur li l-Qorti għandha tieħu in *konsiderazzjoni meta tiddeċidi dwar kif il-konvenut missierhom* għandu jipprovdi għalihom skond il-liġi. Il-Qorti tqis ukoll illi mill-provi mhux kontradetti ftit jidher li hemm effetti ta' sostanza fil-komunjoni ta' l-akkwisti ħlief għal din il-proprjetà mmobbli fuq imsemmija gravata ukoll mill-piżijiet ġà ndikati u ma jidhirx li kien allura l-każ li din il-komunjoni - salv il-provvediment infraskritt fir-rigward ta' l-alimenti - għandha tibqa' mhux likwidata għat-tul ta' żmien indikat fis-sentenza appellata. Din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex il-komunjoni ta' l-akkwisti *fiż-żwieġ, li hu ovvjament irrimedjabbilment* imfarrak u fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fuq spjegati, ma għandhiex tiġi b'din is-sentenza finalment determinata. Konsidrata d-dikjarazzjoni ta' l-appellanti illi hi disposta fir-*rigward tad-drittijiet* tagħha għall-manteniment li taċċetta li s-sehem ta' żewġha fil-proprjetà mmobiljari tiġi assenjata lilha a saldu, din il-Qorti tqis għal kollox ġust, raġonevoli u prattiku li tiddegreta li tali komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejn il-konjuġi, tiġi llikwidata definittivament billi l-proprjetà kollha li ma kinitx attwalment f'idejn l-appellat, apparti l-effetti personali tiegħu mill-istess martu elenkati, tiġi assenjata lil martu u dana għas-saldu kemm għal kull dritt ta' manteniment dovut lilha personalment kif ukoll għal dak dovut għal uliedhom

minuri bl-applikazzjoni tas-*subinċiż* 6 *ta'* l-*artikolu* 54 u b'dan li l-istess appellanti tassumi ukoll kull passiv jew dejn gravanti l-istess proprjetà. Deċiżjoni bħal din ikollha l-meritu mhux biss li *tipprovdi* għall-*ħtiġijiet tal-manteniment dovut lill-minuri* skond l-istess sentenza għaż-żmien limitat li fadal għall-adempiment ta' dan l-obbligu, imma ukoll mhux biss taċċerta li *tkun aċċettata l-proposta sensata avanzata mill-istess attriċi fir*-rigward tal-pagament tal-manteniment, imma ukoll li tiddetermina finalment il-likwidazzjoni tal-komunjoni u ta' kull relazzjoni patrimonjali bejn il-konjuġi mifruda. Komposizzjoni ta' din ix-xorta hi fil-fehma ta' din il-Qorti aktar desiderabbli, *ġusta u raġonata minn* dik prospettiva fis-sentenza appellata li tipperpetwa għal żmien konsiderevoli stat ta' nċertezza u llikwidità mhux mixtieqa bejn il-konjuġi definittivament separati. Dan waqt *li tali komposizzjoni tirriżulta* li hi għal kollox konformi mal-liġi kif issa emendata kif ukoll fl-aħjar interess tal-minuri;

Għal dawn il-motivi, l-appell jimmerita li jiġi milqugħ u s-*sentenza* appellata qed tiġi riformata fis-sens illi:

Tikkonfermaha inkwantu laqgħet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames talba, kif *ukoll ir-raba' talba, salv dak li sejjer jingħad* aktar 'l isfel dwar din ir-raba' talba;

Fir-rigward tas-sitt talba tikkonfermaha in kwantu ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti mid-data tal-preżenti sentenza u tirrevok*aha in* kwantu ddeċidiet li a tenur ta' l-artikolu 55 (2) tal-Kap. 16, il-beni formanti parti mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti ma jinqasmux qabel ħmistax (15)-il sena mid-data li fiha din is-sentenza ssir finali u konklussiva in kwantu ċaħdet il-bqija tas-sitt talba attriċi u nveċe tilqa' s-sitt talba kif dedotta u konsegwentement tillikwida l-istess *komunjoni fis-sens imsemmija aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-*

sentenza u *ċjoè billi l-proprjetà kollha fil-komunjoni ta' l-*akkwisti nkluża dik immobiljari u ċjoè il-flat numru 8, flimkien mal-garaxx fi blokk ta' bini msejjaħ Ta' Salita, 101, Triq il-Għasel, il-Mellieħa, mixtri b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor *Francis Micallef fit-30* ta' Mejju, 1989, tiġi assenjata lill-attriċi għas-saldu ta' kull dritt ta' manteniment li hi għandha għaliha u għal imsemmija uliedha minuri kontra l-appellat żewġha u b'dan illi l-istess appellanti tassumi kull dejn passiv u gravanti l-istess proprjetà kif ukoll għas-saldu ta' kull jedd li għandha għal sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-istess attriċi appellanti hi kkundannata tirrestitwixxi lill-konvenut il-proprjetà parafernali tiegħu u ċjoè Frieson clock, xi kotba, *stereo equipment* u *dinner set* kif minnha stess iddikjarat. L-assenjazzjoni fir-rigward tal-manteniment *deċiż b'din* is-sentenza qed isir fit-termini tas-subinċiż 6 ta' l-artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili u għandha tagħmel tajjeb in pjena sodisfazzjon tal-kundanna tal-konvenut appellat li jħallas manteniment lill-attriċi għaliha u għal *uliedha minuri kif determinat bis-sentenza* appellata fuq ir-raba' talba;

Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqgħet is-seba' *u t-tmien talba attriċi*;

Tikkonferma s-sentenza appellata kwantu laqgħet id-disa' talba;

Tinnomina n-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel biex jippublika l-att relattiv konsegwenzjali għal din is-sentenza u lill-Avukat Dottor Anthony Ellul bħala l-kuratur biex *jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi*;

L-ispejjeż kollha tal-kawża nklużi dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu a kariku tal-konvenut u dan però li l-attriċi għandha *preventivament tagħmel tajjeb għad-drittijiet tal-*

kuraturi deputati.